Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PITRUZZELLA
ippreżentati fil-21 ta' Jannar 2020[1]

**Kawża C-746/18**

**H. K.**
**vs**
**Prokuratuur**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Riigikohus (il-Qorti Suprema, l-Estonja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ipproċessar ta' data personali fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi – Kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet – Fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi – Żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni – Investigazzjonijiet kriminali – Aċċess tal-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni għad-data miżmuma għal perijodi minn jum sa sena – Awtorizzazzjoni mogħtija mill-Uffiċċju tal-Prosekutur – Użu ta' data fil-kuntest tal-proċess kriminali bħala provi – Direttiva 2002/58/CE – Artikolu 1(3), Artikolu 3 u Artikolu 15(1) – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikoli 7, 8 u 11 kif ukoll l-Artikolu 52(1)"

## I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika)[2], kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009[3], moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11 kif ukoll tal-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[4].

2. Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċeduri kriminali kontra H. K., minħabba l-fatt li din tal-aħħar wettqet diversi serqiet, użat kard bankarja ta' ħaddieħor u wettqet atti ta' vjolenza fil-konfront ta' persuna li hija parti fi proċedura ġudizzjarja.

3. Il-proċessi verbali li fuqhom hi bbażata l-konstatazzjoni ta' dawn ir-reati ġew ippreparati b'mod partikolari abbażi ta' data ta' natura personali ġġenerata fil-kuntest tal-provvista ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. Ir-Riigikohus (il-Qorti Suprema, l-Estonja) tesprimi dubji dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni taċ-ċirkustanzi li fihom is-servizzi ta' investigazzjoni kellhom aċċess għal din id-data.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514.
3 ĠU 2009, L 337, p. 11, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2002/58".
4 Iktar 'il quddiem il-"Karta".

4. Dawn id-dubji jikkonċernaw, fl-ewwel lok, il-kwistjoni dwar jekk it-tul tal-perijodu li fih is-servizzi ta' investigazzjoni kellhom aċċess għad-data jikkostitwixxix kriterju li jippermetti li tiġi evalwata l-gravità tal-indħil li jikkostitwixxi dan l-aċċess fil-konfront tad-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati.

5. Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk il-Prokuratuur (l-Uffiċċju tal-Prosekutur, l-Estonja), fid-dawl tad-doveri differenti fdati lilu bil-leġiżlazzjoni Estonjana, jikkostitwixxix awtorità amministrattiva "indipendenti" fis-sens tas-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Tele2 Sverige u Watson *et*[5].

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-Direttiva 2002/58*

6. Skont l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2002/58, din "ma tgħoddx għal attivitajiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, bħal dawk koperti mit-Titoli V u VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u f'kull każ għal attivitajiet li jikkonċernaw is-sigurtà pubblika, id-difiża, is-sigurta ta' l-Istat (inkluż il-benessere ekonomiku ta' l-Istat meta l-attivitajiet jirrigwardaw affarjiet ta' sigurtà ta' l-Istat) u l-attivitajiet ta' l-Istat f'oqsma tal-liġi kriminali".

7. Barra minn hekk, l-Artikolu 15(1) ta' din id-direttiva, jipprevedi li "[l]-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri leġislativi biex jirrestrinġu l-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi previsti fl-Artikolu 5, l-Artikolu 6, l-Artikolu 8(1), (2), (3) u (4), u l-Artikolu 9 ta' din id-Direttiva meta tali restrizzjoni tikkostitwixxi miżura neċessarja, xierqa u proporzjonata f'soċjeta' demokratika biex tiġi salvagwardjata s-sigurtà nazzjonali (i.e. is-sigurtà ta' l-Istat), id-difiża, is-sigurtà pubblika, u l-prevenzjoni, investigazzjoni, skoperta u prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew ta' użu mhux awtorizzat tas-sistema ta' komunikazzjoni elettronika, kif imsemmi fl-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 95/46/KE [[6]]. Għal dan l-iskop, l-Istati Membri jistgħu, *inter alia*, jadottaw miżuri leġislativi li jipprovdu għaż-żamma ta' l-informazzjoni għal perjodu limitat iġġustifikat għarr-raġunijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu. Il-miżuri kollha msemmija f'dan il-paragrafu għandhom ikunu skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi [tal-Unjoni], inklużi dawk imsemmija fl-Artikolu 6(1) u (2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea".

### *B. Id-dritt Estonjan*

#### *1. Il-Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi*

8. L-elektroonilise side seadus (il-Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi)[7], tat-8 ta' Diċembru 2004, fil-verżjoni tagħha applikabbli fil-kawża prinċipali, tistipula, fl-Artikolu 111[1] tagħha, intitolat "Obbligu li żżomm id-data":

"[…]

5 C-203/15 u C-698/15, iktar 'il quddiem is-"sentenza Tele2 Sverige u Watson *et*", EU:C:2016:970 (punt 120 u l-punt 2 tad-dispożittiv).

6 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).

7 RT I 2004, 87, 593.

(2) Il-fornituri ta' servizzi ta' telefonija fissa u ta' telefonija ċellulari kif ukoll ta' network ta' servizzi ta' telefonija fissa u ta' telefonija ċellulari huma obbligati jżommu d-data segwenti:

1) in-numru ta' min jagħmel it-telefonata kif ukoll l-isem u l-indirizz tal-abbonat;

2) in-numru ta' min jirċievi t-telefonata kif ukoll l-isem u l-indirizz tal-abbonat;

3) f'każ ta' servizzi kumplimentari, bħar-rinviju jew it-trasferiment ta' telefonata, in-numru użat kif ukoll l-isem u l-indirizz tal-abbonat;

4) id-data kif ukoll il-ħin li fih inbdiet u ntemmet it-telefonata;

5) is-servizz ta' telefonija fissa jew ċellulari użat;

6) l-identità internazzjonali tal-abbonat ċellulari (International Mobile Subscriber Identity – IMSI) ta' min jagħmel it-telefonata u ta' min jirċeviha;

7) l-identità internazzjonali tal-apparat ċellulari (International Mobile Equipment Identity – IMEI) ta' min jagħmel it-telefonata u ta' min jirċeviha;

8) l-identifikatur ċellulari fil-mument li fih bdiet it-telefonata;

9) id-data li tidentifika l-lokalizzazzjoni ġeografika taċ-ċellola fil-konfront tal-identifikatur ċellulari matul il-perijodu li fih tinżamm id-data;

10) f'każ ta' servizzi ta' telefonija ċellulari anonimi bi ħlas minn qabel, id-data u l-ħin tal-ewwel attivazzjoni tas-servizz kif ukoll l-identità ta' lokalizzazzjoni minn fejn is-servizz ġie attivat.

[…]

(4) Id-data msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-artikolu għandha tinżamm għal perijodu ta' sena mid-data tal-komunikazzjoni, jekk din ġiet iġġenerata jew ipproċessata waqt il-provvista tas-servizz ta' komunikazzjoni […]

[…]

(11) Id-data msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-artikolu għandha tiġi ttrasferita:

1) skont il-kriminaalmenetluse seadustik [il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali [8]], lill-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni, lill-awtorità inkarigata sabiex tadotta miżuri ta' sorveljanza, lill-Uffiċċju tal-Prosekutur, lill-qorti;

[…]"

*2. Il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali*

9. L-Artikolu 17 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali, intitolat "Partijiet fi proċeduri ġudizzjarji", jistipula, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Huma partijiet fil-proċeduri: l-Uffiċċju tal-Prosekutur […]"

8 RT I 2003, 27, 166.

10. Skont l-Artikolu 30 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, intitolat "L-Uffiċċju tal-Prosekutur fil-proċeduri kriminali":

"(1) L-Uffiċċju tal-Prosekutur għandu jmexxi l-investigazzjoni preliminari, billi jiżgura l-legalità u l-effettività tagħha, u għandu jirrappreżenta lill-prosekuzzjoni waqt il-proċess.

(2) Il-kompetenzi tal-Uffiċċju tal-Prosekutur fil-kuntest tal-proċeduri kriminali huma eżerċitati f'ismu minn prosekutur li jaġixxi b'mod indipendenti u li huwa suġġett biss għal-liġi."

11. L-Artikolu 90[1] tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, intitolat "Talba għal data mill-impriżi ta' komunikazzjoni", jistipula, fil-paragrafi 2 u 3 tiegħu:

"(2) L-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni tista', fuq awtorizzazzjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur matul investigazzjoni preliminari jew fuq awtorizzazzjoni tal-qorti matul proċess quddiemha, titlob lil impriża ta' komunikazzjoni elettronika sabiex tforni d-data elenkata fl-Artikolu 111[1](2) u (3) tal-Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi li ma hijiex iċċitata fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu. Din l-awtorizzazzjoni għandha tindika b'mod preċiż id-dati relatati mal-perijodu li dwaru tista' tintalab id-data.

(3) It-talbiet għall-provvista ta' data fis-sens ta' dan l-artikolu ma jistgħux isiru ħlief jekk huma assolutament neċessarji sabiex jintlaħaq l-għan tal-proċeduri kriminali."

12. L-Artikolu 211 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, intitolat "Għan tal-investigazzjoni preliminari", huwa redatt kif ġej:

"(1) L-għan tal-investigazzjoni preliminari huwa l-ġbir tal-provi u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet oħra neċessarji sabiex isir proċess.

(2) Matul l-investigazzjoni preliminari, l-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni u l-Uffiċċju tal-Prosekutur għandhom jivverifikaw il-provi inkriminanti u skaġunanti miġbura kontra l-persuna ssuspettata jew il-persuna akkużata."

*3. Il-Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur*

13. Il-prokuratuuriseadus (il-Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur)[9], tat-22 ta' April 1998, fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali, tistipula, fl-Artikolu 1 tagħha, intitolat "L-Uffiċċju tal-Prosekutur":

"(1) L-Uffiċċju tal-Prosekutur huwa awtorità governattiva li taqa' taħt il-Justiitsministeeriumi [il-Ministeru tal-Ġustizzja, l-Estonja], li jipparteċipa fl-ippjanar tal-miżuri ta' sorveljanza neċessarji fil-ġlieda u fl-iskoperta ta' reati kriminali, imexxi l-investigazzjoni preliminari kriminali, filwaqt li jiżgura l-legalità u l-effettività tagħha, jirrappreżenta lill-prosekuzzjoni matul il-proċess u jaqdi d-doveri l-oħra li jaqgħu fuq l-Uffiċċju tal-Prosekutur skont il-liġi.

(1[1]) L-Uffiċċju tal-Prosekutur għandu jaqdi b'mod indipendenti d-doveri li huma mogħtija lilu skont il-liġi u għandu jaġixxi billi jibbaża ruħu fuq din il-liġi, fuq liġijiet oħra u fuq l-atti adottati bis-saħħa tagħhom.

[…]"

9 RT I 1998, 41, 625.

14. L-Artikolu 2 tal-Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur, intitolat "Il-Prosekutur", jistipula, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Il-Prosekutur għandu jaqdi d-doveri tiegħu b'mod indipendenti u għandu jaġixxi biss skont il-liġi u skont il-konvinzjoni tiegħu."

## III. Il-fatti, il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

15. Permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' April 2017, H. K. ġiet ikkundannata, mill-Viru Maakohus (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Viru, l-Estonja), għal piena ta' priġunerija ta' sentejn talli wettqet, matul il-perijodu ta' bejn l-4 ta' Awwissu 2015 u l-1 ta' Frar 2016, tmien serqiet ta' prodotti tal-ikel u ta' oġġetti oħra materjali ta' valur ta' bejn EUR 3 u EUR 40 kif ukoll somom ta' flus f'ammonti bejn EUR 5.20 u EUR 2 100, talli użat il-kard bankarja ta' persuna oħra sabiex tiġbed flus minn distributur awtomatiku, u kkawżat lil din il-persuna dannu ta' EUR 3 941.82 u talli wettqet atti ta' vjolenza fil-konfront ta' persuna li kienet parti fi proċeduri ġudizzjarji [10].

16. Sabiex tikkundanna lil H. K. għal dawn ir-reati, il-Viru Maakohus (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Viru) kienet, fost l-oħrajn, ibbażat ruħha fuq diversi proċessi verbali ppreparati abbażi ta' data relatata ma' komunikazzjonijiet elettroniċi, imsemmija fl-Artikolu $111^1$(2) tal-Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, li l-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni kienet ġabret mingħand fornitur ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni matul l-investigazzjoni preliminari, wara li kisbet, bis-saħħa tal-Artikolu $90^1$(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, awtorizzazzjonijiet mogħtija minn prosekutur tal-Viru Ringkonnaprokuratuur (prosekutur tal-Uffiċċju tal-Prosekutur tad-distrett ta' Viru, l-Estonja).

17. B'hekk, fit-2 ta' Novembru 2015, prosekutur tal-Uffiċċju tal-Prosekutur tad-distrett ta' Viru awtorizza lill-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni titlob lill-impriża ta' telekomunikazzjonijiet sabiex tagħti d-data msemmija fl-Artikolu $111^1$(2) tal-Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, sabiex tistabbilixxi, permezz ta' żewġ numri ta' telefon ċellulari ta' H. K., it-trażmissjoni ta' komunikazzjonijiet u ta' messaġġi, it-tul tagħhom u l-mod kif saret it-trażmissjoni, kif ukoll id-data personali u l-lokalizzazzjoni tal-persuna li għamlet jew bagħtet it-telefonata u tal-persuna li rċeviet/id-destinatarja tat-telefonata fil-21 ta' Settembru 2015.

18. Fl-4 ta' Novembru 2015, l-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni ppreparat proċess verbal dwar id-data miksuba mill-impriża ta' telekomunikazzjoni bis-saħħa ta' din l-awtorizzazzjoni, li fih kien hemm indikati l-arbli tax-xandir li fir-raġġ tagħhom in-numru tal-abbonat użat minn H. K. kien intuża fil-21 ta' Settembru 2015 wara s-7 ta' filgħaxija. L-Uffiċċju tal-Prosekutur ried, bis-saħħa ta' dan il-proċess verbal u provi oħra, juri lill-qorti li H. K. kienet wettqet is-serq li seħħ fil-21 ta' Settembru 2015.

19. Fil-25 ta' Frar 2016, prosekutur tal-Uffiċċju tal-Prosekutur tad-distrett ta' Viru awtorizza lill-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni titlob lill-impriża ta' telekomunikazzjonijiet sabiex tagħti, fid-dawl tal-investigazzjoni dwar reat imsemmi fl-Artikolu 303(1) tal-Karistusseadustik (Il-Kodiċi Kriminali) [11], id-data msemmija fl-Artikolu $111^1$(2) tal-Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi dwar is-seba' numri ta' abbonat użati minn H. K. matul il-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2015 u d-19 ta' Frar 2016.

10 Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li, wara li din il-piena ġiet konfuża mal-piena ta' priġunerija ta' erba' snin u seba' xhur li għaliha H. K. ġiet ikkundannata b'deċiżjoni tat-22 ta' Marzu 2016 tal-Viru Maakohus (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Viru), H. K. ġiet ikkundannata għal piena ta' priġunerija totali ta' ħames snin u xahar.

11 Dan kien reat li kien jikkonsisti fl-eżerċizzju ta' influwenza fuq il-qorti. Nirrileva li l-fatti li bihom ġiet akkużata H. K. kienu ġew, minn dan l-aspett, ikkwalifikati mill-ġdid mill-Viru Maakohus (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Viru), skont l-Artikolu 323(1) tal-Kodiċi Kriminali, bi vjolenza fir-rigward ta' persuna li kienet parti minn proċedura ġudizzjarja.

20. Fil-15 ta' Marzu 2016, l-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni ppreparat proċess verbal dwar id-data miksuba mill-impriża ta' telekomunikazzjonijiet bis-saħħa ta' din l-awtorizzazzjoni, li fih jinsabu d-dati li fihom H. K. ċemplet lill-koakkużati tagħha u rċeviet telefonati mingħandhom, kif ukoll id-dati li fihom H. K. bagħtet messaġġi lill-koakkużati tagħha u rċeviet messaġġi mingħandhom. L-Uffiċċju tal-Prosekutur ried, bis-saħħa ta' dan proċess verbal u provi oħra, juri lill-qorti li H. K. kienet, sa mir-rebbiegħa tas-sena 2015, heddet b'mod irrepetut lill-koakkużati tagħha bit-telefon.

21. Fl-20 ta' April u fis-6 ta' Mejju 2016, l-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni reġgħet ippreparat proċessi verbali dwar id-data miksuba mill-impriża ta' telekomunikazzjoni bis-saħħa tal-istess awtorizzazzjoni. Dawn il-proċessi verbali jindikaw l-istazzjonijiet ta' bażi li fir-raġġ tagħhom saru u ġew irċevuti telefonati fl-4, fis-27 u fil-31 ta' Awwissu 2015 kif ukoll mill-1 sat-3 ta' Settembru 2015 permezz ta' sitt numri ta' abbonat użati minn H. K. Bis-saħħa ta' dawn il-proċessi verbali u flimkien ma' provi oħra, l-Uffiċċju tal-Prosekutur ried jipprova lill-qorti li s-sitt serqiet li saru fil-ġranet indikati kienu twettqu minn H. K.

22. Fl-20 ta' April 2016, l-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni ppreparat proċess verbal dwar id-data relatata ma' żewġ numri ta' abbonat użati minn H. K. B'mod iktar preċiż, dan il-proċess verbal jindika l-istazzjonijiet ta' bażi li fir-raġġ tagħhom saru u ġew irċevuti telefonati bejn is-16 u d-19 ta' Jannar 2015 permezz ta' dawn in-numri ta' abbonat. Bis-saħħa ta' dan il-proċess verbal u ta' provi oħra, l-Uffiċċju tal-Prosekutur ried jipprova li kienet H. K. li, mis-17 sad-19 ta' Jannar 2015, kienet ġibdet flus mid-distributur awtomatiku billi użat il-kard bankarja tal-vittma.

23. Id-data li minnha oriġina dan il-proċess verbal inkisbet mingħand l-impriża ta' telekomunikazzjonijiet bis-saħħa tal-awtorizzazzjonijiet li prosekutur tal-Uffiċċju tal-Prosekutur tad-distrett ta' Viru kien ta f'kawża kriminali oħra fit-28 ta' Jannar u fit-2 ta' Frar 2015. Din il-kawża kienet tirrigwarda reati msemmija fil-punti 7, 8 u 9 tal-Artikolu 200(2) tal-Kodiċi Kriminali, jiġifieri żewġ serqiet bi vjolenza, mwettqa fit-23 u fis-27 ta' Jannar 2015 minn grupp bl-użu ta' arma u bi żgass. Bis-saħħa ta' dawn l-awtorizzazzjonijiet, l-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni setgħet titlob lill-impriża tat-telekomunikazzjonijiet tagħti, għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar u t-2 ta' Frar 2015, id-data msemmija fl-Artikolu $111^1(2)$ tal-Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi dwar iż-żewġ numri ta' abbonat u l-identitajiet internazzjonali ta' apparat ċellulari (IMEI) differenti ta' H. K.

24. Minn din id-deskrizzjoni tal-fatti tal-proċedura fil-kawża prinċipali jirriżulta li l-Uffiċċju tal-Prosekutur, skont l-Artikolu $90^1(2)$ tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, awtorizza lill-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni sabiex tindirizza t-talbiet ta' provvista ta' data lill-impriża ta' telekomunikazzjonijiet fil-kuntest tal-investigazzjoni preliminari. L-awtorizzazzjonijiet li jikkonċernaw id-data tan-numri ta' abbonat tal-persuna akkużata ngħataw fid-dawl ta' investigazzjoni dwar reati kriminali differenti għal perijodu ta' ġurnata, ta' madwar xahar u ta' madwar sena, rispettivament.

25. H. K. appellat mid-deċiżjoni tal-Viru Maakohus (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Viru) quddiem it-Tartu Ringkonnakohus (il-Qorti tal-Appell ta' Tartu, Estonja), li ċaħdet dan l-appell permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Novembru 2017. Sussegwentement H. K. ippreżentat appell ta' kassazzjoni quddiem ir-Riigikohus (il-Qorti Suprema), billi talbet l-annullament tad-deċiżjonijiet tal-ewwel u tat-tieni istanzi, it-tmiem tal-proċeduri kriminali kontra tagħha kif ukoll il-ħelsien mill-arrest tagħha.

26. H. K. issostni li l-proċessi verbali li fihom data miksuba mill-impriża ta' telekomunikazzjonijiet ma humiex provi ammissibbli u li l-kundanna tagħha abbażi ta' dawn il-proċessi verbali ma hijiex fondata. Skont is-sentenza Tele2 Sverige u Watson *et*, ir-regoli tal-Artikolu $111^1$ tal-Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi li jistipulaw l-obbligu ta' dawn il-fornituri ta' servizzi sabiex iżommu data relatata mal-komunikazzjonijiet kif ukoll l-użu ta' din id-data għall-finijiet tal-kundanna tagħha huma kuntrarji għall-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11 kif ukoll tal-Artikolu 52(1) tal-Karta.

27. Skont il-qorti tar-rinviju, b'hekk tqum il-kwistjoni dwar jekk il-proċessi verbali inkwistjoni, li l-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni ppreparat abbażi ta' din id-data, imsemmija fl-Artikolu 111¹ (2) tal-Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, mitluba mingħand l-impriża ta' telekomunikazzjonijiet bl-awtorizzazzjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur, jistgħux jitqiesu bħala provi ammissibbli.

28. Id-data li l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi għandhom iżommu għal perijodu ta' sena tinkludi, fost l-oħrajn, in-numru tal-persuna li għamlet it-telefonata u tal-persuna li rċevietha, l-isem u l-indirizz tal-abbonat, id-data u l-ħin tal-bidu u tat-tmiem tat-telefonata, is-servizz tat-telefonija fissa jew ċellulari użat, l-identità internazzjonali tal-abbonat ċellulari (IMSI) u l-identità internazzjonali tal-apparat ċellulari (IMEI) ta' min jagħmel it-telefonata u ta' min jirċeviha, kif ukoll l-identifikatur ċellulari fil-mument tal-bidu tat-telefonata u d-data li tidentifika l-lokalizzazzjoni ġeografika taċ-ċellola. Il-qorti tar-rinviju tirrileva li din hija data li hija marbuta mal-eżistenza ta' trasferiment ta' komunikazzjoni u ta' messaġġi permezz ta' telefon fiss jew ċellulari, kif ukoll mal-lokalizzazzjoni tal-użu tal-apparat ta' komunikazzjoni ċellulari iżda li din id-data ma tagħtix informazzjoni dwar il-kontenut tal-komunikazzjonijiet.

29. Kif jirriżulta mis-sentenzi Tele2 Sverige u Watson *et* kif ukoll tat-2 ta' Ottubru 2018, Ministerio Fiscal[12], regola nazzjonali li tirregola ż-żamma ta' data relatata mat-traffiku u ma' data ta' lokalizzazzjoni kif ukoll mal-aċċess għal din id-data fil-kuntest ta' proċeduri kriminali, bħall-Artikolu 111¹(2) u (4) tal-Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi u l-Artikolu 90¹(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/58.

30. L-ammissibbiltà tal-provi tiddependi mill-osservanza tar-regoli ta' proċedura li jirregolaw il-ġbir tagħhom. B'hekk, waqt l-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà tal-proċessi verbali inkwistjoni fil-kawża prinċipali bħala provi, għandha tiġi eżaminata wkoll il-kwistjoni dwar sa fejn il-ġbir ta' data mingħand l-impriża ta' telekomunikazzjonijiet, li fuqhom huma bbażati dawn il-proċessi verbali, kien konformi mal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11 kif ukoll tal-Artikolu 52(1) tal-Karta.

31. Fid-dawl tas-sentenzi Tele2 Sverige u Watson *et*[13] u tal-Ministerio Fiscal[14], il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11 kif ukoll tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, għandux jiġi interpretat fis-sens li l-aċċess tal-awtoritajiet nazzjonali għal data li tippermetti li jiġu stabbiliti l-oriġini u d-destinazzjoni ta' komunikazzjoni telefonika minn telefon fiss jew ċellulari tas-suspettat, li jiġu stabbiliti d-data, is-siegħa, it-tul u n-natura tagħha, li jiġi identifikat l-għamla tas-servizz ta' komunikazzjoni użat, kif ukoll li jiġi lokalizzat l-użu tat-terminal mobbli użat, jikkostitwixxi indħil daqstant gravi fid-drittijiet fundamentali protetti minn dawn l-artikoli tal-Karta li dan l-aċċess għandu jkun limitat għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja, indipendentement mill-perijodu li matulu l-awtoritajiet nazzjonali talbu l-aċċess għad-data miżmuma.

32. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tqis li l-perijodu li matulu d-data inkwistjoni ntalbet jikkostitwixxi element essenzjali għall-evalwazzjoni tal-gravità tal-indħil fid-drittijiet fundamentali li jikkostitwixxi l-aċċess għad-data inkwistjoni. Għalhekk huwa possibbli li dan l-indħil ma għandux jitqies bħala gravi, peress li d-data mitluba tirrigwarda biss perijodu qasir ferm, bħal jum wieħed. F'dan il-każ, ma huwiex possibbli, b'mod ġenerali, li minn din id-data jiġu misluta konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-persuna kkonċernata, b'tali mod li l-aċċess tal-awtoritajiet nazzjonali għall-imsemmija data jista' jkun iġġustifikat bil-għan ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali b'mod ġenerali.

12 C-207/16, iktar 'il quddiem is-"sentenza Ministerio Fiscal", EU:C:2018:788.

13 Il-punt 2 tad-dispożittiv ta' din is-sentenza.

14 Punti 53 u 57 ta' din is-sentenza.

33. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar jekk l-aċċess għal data bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistax, fid-dawl tat-tagħlimiet li jirriżultaw mis-sentenza Ministerio Fiscal[15], jiġi ġġustifikat b'dan l-istess għan, meta l-kwantità ta' data li l-awtoritajiet għandhom aċċess għaliha hija mnaqqsa u meta l-indħil fid-drittijiet fundamentali inkwistjoni ma huwiex għalhekk gravi. Fir-rigward tal-kwantità ta' data, huwa essenzjali li jitqies it-tip ta' data (bħal dik relatata mad-destinazzjoni ta' komunikazzjoni jew mal-lokalizzazzjoni tat-terminal) u tat-tul tal-perijodu kkonċernat (pereżempju, jum, xahar jew sena). Skont din il-qorti, iktar ma r-reat ikun gravi, iktar l-indħil awtorizzat fid-drittijiet fundamentali fil-kuntest tal-proċeduri jista' jkun gravi, li jfisser li l-kwantità ta' data li għaliha l-awtoritajiet nazzjonali jista' jkollhom aċċess tkun daqstant ikbar.

34. Finalment, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Uffiċċju tal-Prosekutur jistax jitqies bħala awtorità amministrattiva "indipendenti" fis-sens tas-sentenza Tele2 Sverige u Watson *et*[16]. Din tirrileva li, fl-Estonja, huwa l-Uffiċċju tal-Prosekutur li jmexxi l-investigazzjoni preliminari li l-għan tagħha huwa, b'mod partikolari, il-ġbir ta' provi. Hija tenfasizza wkoll li l-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni u l-Uffiċċju tal-Prosekutur għandhom jivverifikaw il-provi inkriminanti u skaġunanti li jikkonċernaw il-persuna ssuspettata. Finalment hija tinnota li l-kompetenzi tal-Uffiċċju tal-Prosekutur huma eżerċitati f'ismu minn prosekutur li jaqdi d-doveri tiegħu b'mod indipendenti, kif jirriżulta mill-Artikolu 30(1) u (2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali u mill-Artikolu 1(1) u ($1^1$) kif ukoll mill-Artikolu 2(2) tal-Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur.

35. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li d-dubji tagħha dwar l-indipendenza mitluba mid-dritt tal-Unjoni huma prinċipalment dovuti għall-fatt li, wara l-investigazzjoni preliminari, jekk l-Uffiċċju tal-Prosekutur ikun konvint li l-provi kollha neċessarji ġew miġbura u jekk ikun hemm lok, huwa jippreżenta l-akkużi tiegħu kontra l-persuna inkwistjoni. Din il-qorti tirrileva li, f'dan il-każ, huwa l-Uffiċċju tal-Prosekutur li jirrappreżenta lill-prosekuzzjoni matul il-proċess u li għalhekk huwa wkoll parti fil-proċedura. Il-qorti tar-rinviju tirrileva wkoll li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem diġà aċċettat li, f'ċerti kundizzjonijiet, atti ta' sorveljanza jistgħu jiġu awtorizzati fin-nuqqas ta' stħarriġ ġudizzjarju minn qabel, bil-kundizzjoni li jkun hemm stħarriġ ġudizzjarju *a posteriori*[17].

36. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Riigikohus (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 15(1) tad-Direttiva [2002/58], fid-dawl tal-Artikoli 7, 8, 11 u 52(1) tal-[Karta], għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali, l-aċċess tal-awtoritajiet nazzjonali għal data li tippermetti li jiġu stabbiliti l-oriġini u d-destinazzjoni, id-data, is-siegħa, it-tul u n-natura, l-għamla ta' servizz ta' komunikazzjoni, it-terminal użat u l-lokalizzazzjoni tal-użu tat-terminal mobbli fir-rigward ta' komunikazzjoni telefonika minn telefon fiss jew minn ċellulari tal-persuna suġġetta għal prosekuzzjoni kriminali, jikkostitwixxi interferenza tant kbira fid-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-imsemmija artikoli tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li tali aċċess fil-qasam tal-prevenzjoni, tar-riċerka, tad-detezzjoni u tal-prosekuzzjoni ta' ksur kriminali, għandu jkun limitat għall-ġlieda kontra reati kriminali serji, indipendentement mill-perijodu li matul tiegħu l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom aċċess għall-informazzjoni maħżuna?

2) L-Artikolu 15(1) tad-Direttiva [2002/58] fuq il-bażi tal-prinċipju ta' proporzjonalità kif ifformulat fil-punti 55 sa 57 tas-sentenza [Ministerio Fiscal], għandu jiġi interpretat fis-sens li, jekk l-ammont ta' data msemmija fl-ewwel domanda, li għandhom aċċess għalih l-awtoritajiet nazzjonali, ma huwiex kbir (kemm f'termini tan-natura tad-data kif ukoll f'termini tal-portata temporali),

15 Punti 55 sa 57 ta' din is-sentenza.

16 Punt 120 u l-punt 2 tad-dispożittiv ta' din is-sentenza.

17 Il-qorti tar-rinviju tiċċita, dwar dan is-suġġett, is-sentenzi tal-Qorti EDB tat-2 ta' Settembru 2010, Uzun vs Il-Ġermanja (CE:ECHR:2010:0902JUD003562305, punti 71 sa 74), u tat-12 ta' Jannar 2016, Szabó u Vissy vs L-Ungerija (CE:ECHR:2016:0112JUD003713814, punt 77).

l-interferenza fid-drittijiet fundamentali tista' tkun iġġustifikata b'mod ġenerali bl-għan ta' prevenzjoni, ta' riċerka, ta' detezzjoni u ta' prosekuzzjoni ta' ksur kriminali u li, iktar ma jkun kbir l-ammont ta' data li għandhom aċċess għaliha l-awtoritajiet nazzjonali iktar għandhom ikunu serji r-reati kriminali li huma intiżi li jiġu miġġielda permezz tal-interferenza?

3) Ir-rekwiżit imsemmi fit-tieni parti tad-dispożittiv tas-sentenza [Tele2 Sverige u Watson *et*] li jipprovdi li l-aċċess għad-data mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandu jkun suġġett għal kontroll preliminari minn qorti jew minn awtorità amministrattiva indipendenti, ifisser li l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva [2002/58] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-uffiċċju tal-prosekutur li jmexxi l-investigazzjoni preliminari, u li skont il-liġi huwa marbut jaġixxi indipendentement, u li huwa suġġett għal-liġi, u li, fil-kuntest tal-investigazzjoni preliminari, għandu jeżamina kemm iċ-ċirkustanzi inkriminanti kif ukoll dawk skaġunanti tal-akkużat, iżda li sussegwentement jirrappreżenta lill-prosekuzzjoni fil-proċeduri ġudizzjarji, jista' jitqies bħala awtorità amministrattiva indipendenti?"

## IV. Analiżi

37. Permezz tal-ewwel u tat-tieni domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11 kif ukoll tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, għandux jiġi interpretat fis-sens li, fost il-kriterji li jippermettu li tiġi evalwata l-gravità tal-indħil fid-drittijiet fundamentali li jikkostitwixxi l-aċċess mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għal data ta' natura personali li l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi huma obbligati jżommu bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, hemm il-kategoriji ta' data kkonċernati kif ukoll it-tul tal-perijodu li matulu huwa mitlub l-aċċess.

38. Qabel nirrispondi din id-domanda, ser nagħmel żewġ sensiliet ta' osservazzjonijiet preliminari li ser jippermettuli nirrispondi, minn naħa, għall-argumenti mqajma minn ċerti Stati Membri f'dak li jirrigwarda l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/58 u, min-naħa l-oħra, għas-suġġeriment tal-Kummissjoni Ewropea li tiġi eżaminata, fil-kuntest ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-leġiżlazzjoni Estonjana, inkwantu timponi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jżommu diversi kategoriji ta' data personali ġġenerati fil-kuntest ta' dawn is-servizzi.

### *A. Osservazzjonijiet preliminari*

#### *1. Fuq il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/58*

39. Il-Gvern Irlandiż, dak Ungeriż u dak Pollakk jistaqsu dwar il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/58.

40. Il-Gvern Irlandiż jidher li jqis li leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-aċċess tal-awtoritajiet kompetenti fil-qasam kriminali għal data miżmuma hija, skont l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2002/58, eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

41. Dan l-argument ma għandux jiġi aċċettat skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirriżulta mis-sentenzi Tele2 Sverige u Watson *et* kif ukoll Ministerio Fiscal.

42. F'dan ir-rigward, għandu jiġi indikat li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-miżuri leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58 "jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, anki jekk dawn ikunu marbuta ma' attivitajiet li huma speċifiċi għall-Istati jew għall-awtoritajiet Statali, li ma humiex marbuta mal-oqsma ta' attività tal-individwi, u anki jekk l-għanijiet li tali miżuri għandhom jissodisfaw jikkoinċidu sostanzjalment mal-għanijiet segwiti mill-attivitajiet previsti

fl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2002/58" [18]. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "l-Artikolu 15(1) ta' din id-direttiva [j]ippreżumi neċessarjament li l-miżuri nazzjonali msemmija fiha jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva, peress li din tal-aħħar tawtorizza espliċitament lill-Istati Membri sabiex jadottawhom biss b'osservanza tal-kundizzjonijiet previsti minnha. Barra minn hekk, il-miżuri leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58 jirregolaw, għall-finijiet imsemmija f'din id-dispożizzjoni, l-attività tal-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi" [19].

43. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li "l-imsemmi Artikolu 15(1), moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/58, għandu jiġi interpretat fis-sens li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, mhux biss miżura leġiżlattiva li tobbliga lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jżommu d-data dwar it-traffiku u d-data dwar il-lokalizzazzjoni, iżda wkoll miżura leġiżlattiva li tikkonċerna l-aċċess mill-awtoritajiet nazzjonali għad-data miżmuma minn dawn il-fornituri" [20].

44. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u tad-data dwar it-traffiku marbuta ma' dawn il-komunikazzjonijiet, iggarantita fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2002/58, tapplika għall-miżuri meħuda minn kwalunkwe persuna oħra li ma tkunx l-utent, kemm jekk din tkun persuna jew entità privata u kemm jekk tkun entità Statali. Kif tikkonferma l-premessa 21 ta' din id-direttiva, din hija intiża li tipprekludi "[kull] aċċess" mhux awtorizzat għall-komunikazzjonijiet, inkluż għal "kull data relatata ma' din il-komunikazzjoni", bil-għan li tiġi protetta l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet elettroniċi" [21].

45. Ma' dawn l-argumenti, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li "miżuri leġiżlattivi li jobbligaw lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jżommu data personali jew jagħtu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti aċċess għal din id-data, jimplikaw neċessarjament ipproċessar, minn dawn il-fornituri, tal-imsemmija data [...]. Tali miżuri, sa fejn jirregolaw l-attivitajiet tal-imsemmija fornitur, ma jistgħux għalhekk jiġu assimilati ma' attivitajiet li huma speċifiċi għall-Istati, imsemmija fl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2002/58" [22].

46. Kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha Ministerio Fiscal [23], minn dawn l-argumenti għandu jiġi dedott li talba għal aċċess ta' data ta' natura personali miżmuma minn fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, imressqa fil-kuntest ta' investigazzjoni kriminali, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/58.

47. Barra minn hekk, il-Gvern Ungeriż u dak Pollakk jinvokaw l-argument li jgħid li d-dritt tal-Unjoni ma jirregolax il-kwistjoni tal-ammissibbiltà tal-provi fil-proċeduri kriminali.

48. Għalkemm huwa minnu li dan id-dritt ma jirregolax, fl-istat attwali tal-iżvilupp tiegħu, ir-regoli dwar l-ammissibbiltà tal-provi fi proċeduri kriminali, madankollu il-qorti tar-rinviju enfasizzat b'mod ċar li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li hija titlob hija neċessarja sabiex tkun tista' tiddeċiedi dwar l-ammissibbiltà tal-provi. Fil-fatt, din tiddependi mill-osservanza tar-rekwiżiti u tar-regoli ta' proċedura dwar il-ġbir ta' dawn il-provi. B'hekk, waqt l-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà tal-proċessi verbali inkwistjoni fil-kawża prinċipali bħala provi, il-qorti tar-rinviju għandha teżamina l-kwistjoni preċedenti li tistaqsi dwar sa fejn il-ġbir tad-data mingħand l-impriża ta' telekomunikazzjonijiet, li fuqha dawn il-proċessi verbali huma bbażati, kienet konformi mal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11 kif ukoll tal-Artikolu 52(1) tal-Karta. Issa, din id-domanda preliminari tirrigwarda aspett li, kif enfasizzajt qabel, huwa rregolat mid-dritt

18 Sentenza Ministerio Fiscal (punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).
19 *Idem.*
20 Sentenza Ministerio Fiscal (punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).
21 Sentenza Ministerio Fiscal (punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).
22 Sentenza Ministerio Fiscal (punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).
23 Ara s-sentenza Ministerio Fiscal (punti 38 u 39).

tal-Unjoni. Fuq dan l-aspett, ir-regoli nazzjonali applikabbli fil-qasam ta' amministrazzjoni tal-provi għandhom għalhekk josservaw ir-rekwiżiti li jirriżultaw mid-drittijiet fundamentali protetti mid-dritt tal-Unjoni [24]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argument imqajjem mill-Gvern Ungeriż u dak Pollakk, fl-opinjoni tiegħi, ma huwiex rilevanti.

*2. Dwar iż-żamma ta' data relatata mat-traffiku u ta' data ta' lokalizzazzjoni*

49. Anki jekk id-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju jirrigwardaw il-kundizzjonijiet ta' aċċess għad-data, il-Kummissjoni tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi, fil-kuntest ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, anki fuq il-kwistjoni taż-żamma ta' data. F'dan ir-rigward, hija tosserva, essenzjalment, li aċċess legali għad-data miżmuma jirrikjedi li l-leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi ż-żamma tad-data ġġenerata fil-kuntest ta' dawn is-servizzi tissodisfa r-rekwiżiti mitluba mill-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqri fid-dawl tal-Karta, jew li d-data inkwistjoni tkun inżammet minn dawn il-fornituri fuq inizjattiva tagħhom stess, b'mod partikolari, għal finijiet kummerċjali, b'konformità ma' din l-istess direttiva.

50. Fir-rigward tal-kawża prinċipali, il-Kummissjoni tosserva li d-data li l-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni kellha aċċess għaliha ġiet miżmuma mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi mhux fuq inizjattiva tagħhom stess għal finijiet kummerċjali, iżda minħabba l-obbligu li jżommuha impost fuqhom bl-Artikolu 111[1] tal-Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi. Din tirrileva wkoll li H. K. tikkontesta l-legalità tar-regoli nazzjonali kemm dwar l-aċċess għad-data kif ukoll għaż-żamma tagħha [25].

51. Minkejja dan, nirrileva li, bħalma kien il-każ fil-kuntest tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari li wassal għas-sentenza Ministerio Fiscal [26], id-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju fil-kuntest ta' din il-kawża ma humiex intiżi sabiex jistabbilixxu jekk id-data ta' natura personali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġietx miżmuma mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11 kif ukoll tal-Artikolu 52(1) tal-Karta. Dawn id-domandi jirrigwardaw biss il-kompatibbiltà ma' dawn id-dispożizzjonijiet tal-kundizzjonijiet li fihom l-aċċess mill-awtoritajiet nazzjonali ta' investigazzjoni għal tali data hija awtorizzata skont il-leġiżlazzjoni Estonjana. Huwa għalhekk li t-trattazzjoni li saret quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kienet tirrigwarda kważi b'mod esklużiv dawn il-kundizzjonijiet ta' aċċess.

52. Fi kwalunkwe każ, il-qorti tar-rinviju tista' tibbaża ruħha fuq il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Tele2 Sverige u Watson *et* jekk tqis neċessarju, sabiex tirriżolvi l-kawża prinċipali, li tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-Artikolu 111[1] tal-Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

53. F'dan ir-rigward, ser nillimita ruħi sabiex infakkar li, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11 u tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità, żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tad-data kollha dwar it-traffiku u tad-data kollha dwar il-lokalizzazzjoni tal-abbonati u tal-utenti rreġistrati kollha fir-rigward tal-mezzi kollha ta' komunikazzjoni elettronika" [27].

24 Ara b'mod partikolari, b'analoġija, is-sentenza tal-10 ta' April 2003, Steffensen (C-276/01, EU:C:2003:228, punt 71). F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja tittratta wkoll din il-kwistjoni mill-perspettiva tal-prinċipju ta' effettività bħala limitazzjoni għall-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri (punti 66 sa 68 tas-sentenza msemmija).

25 Il-Kummissjoni tenfasizza, f'dan il-kuntest, li din il-kawża hija differenti minn dik li wasslet għas-sentenza Ministerio Fiscal.

26 Ara s-sentenza Ministerio Fiscal (punti 49 u 50).

27 Sentenza Tele2 Sverige u Watson *et* (punt 112).

54. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, jekk ikun il-każ, jekk il-leġiżlazzjoni Estonjana timponix fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi obbligu ta' żamma ta' data li għandha tali natura ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni, u li tislet minnha l-konsegwenzi sabiex issolvi l-kawża prinċipali. Jekk is-sistema ta' żamma ta' data implimentata mir-Repubblika tal-Estonja kellha titqies bħala mhux konformi mad-dritt tal-Unjoni, għaliex sproporzjonata fir-rigward tal-għan imfittex, l-aċċess għad-data hekk miżmuma lanqas ma jista' jiġi ġġustifikat minn dan l-istess għan.

55. Huwa biss jekk dan l-obbligu ta' żamma jkun akkumpanjat minn limitazzjonijiet xierqa, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-kategoriji ta' data kkonċernata u l-perijodu ta' żamma, skont sistema li tiddependi mill-għan imfittex u dak li huwa strettament neċessarju biex jintlaħaq dan l-għan, li jista' jiġi ssodisfatt it-test ta' proporzjonalità.

56. Mhux ser niżviluppa iktar fil-kuntest ta' dawn il-konklużjonijiet il-kunċett ta' "żamma limitata ta' data" li huwa eżaminat fid-dettall mill-Avukat Ġenerali Campos Sánchez-Bordona fil-konklużjonijiet li ppreżenta fil-15 ta' Jannar 2020 fil-kuntest tal-kawża Ordre des barreaux francophones et germanophone *et*[28].

### *B. Fuq l-aċċess tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għad-data miżmuma*

#### *1. It-tagħlimiet misluta mis-sentenza Tele2 Sverige u Watson* et

57. Il-Qorti tal-Ġustizzja tifhem il-kwistjoni dwar l-aċċess tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għad-data miżmuma "indipendentement mill-portata tal-obbligu ta' żamma ta' data li huwa impost fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi" u, b'mod partikolari, indipendentement min-natura ġġeneralizzata jew immirata ta' żamma ta' data[29]. Din il-konstatazzjoni hija marbuta mal-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis iż-żamma tad-data u l-aċċess għaliha bħala żewġ tipi ta' ndħil differenti fid-drittijiet fundamentali protetti mill-Karta.

58. L-aċċess għad-data miżmuma "għandu effettivament u strettament jissodisfa wieħed mi[l]l-għanijiet" li jidhru fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58. Għandu jkun hemm ukoll rabta bejn il-gravità tal-indħil u l-għan imfittex. Jekk l-indħil huwa kklassifikat bħala "gravi", jista' jiġi ġġustifikat biss bil-ġlieda kontra l-kriminalità gravi[30].

59. L-istess bħal dak li japplika għaż-żamma ta' data, l-aċċess għaliha mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ma jistax jiġi awtorizzat ħlief fil-limiti ta' dak li jkun strettament neċessarju[31]. Barra minn hekk, il-miżuri leġiżlattivi għandhom "[j]ippreved[u] regoli ċari u preċiżi li jindikaw f'liema ċirkustanzi u taħt liema kundizzjonijiet il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi għandhom jagħtu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti aċċess għad-data. Bl-istess mod, miżura ta' din in-natura għandha tkun legalment vinkolanti fid-dritt intern"[32]. B'mod iktar speċifiku, il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali għandhom "[j]ippreved[u] wkoll il-kundizzjonijiet materjali u proċedurali li jirregolaw l-aċċess mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għad-data miżmuma"[33].

60. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jista' jiġi dedott li "aċċess ġenerali għad-data miżmuma kollha, indipendentement minn kwalunkwe rabta, minn tal-inqas indiretta, mal-għan segwit, ma jistax jitqies li huwa limitat għal dak li jkun strettament neċessarju"[34].

28 C-520/18, EU:C:2020:7. Ara, b'mod partikolari, il-punti 72 sa 107 ta' dawn il-konklużjonijiet.
29 Ara s-sentenza Tele2 Sverige u Watson *et* (punt 113).
30 Ara s-sentenza Tele2 Sverige u Watson *et* (punt 115).
31 Ara s-sentenza Tele2 Sverige u Watson *et* (punt 116).
32 Sentenza Tele2 Sverige u Watson *et* (punt 117).
33 Sentenza Tele2 Sverige u Watson *et* (punt 118).
34 Sentenza Tele2 Sverige u Watson *et* (punt 119).

61. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "il-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata għandha tibbaża ruħha fuq kriterji oġġettivi sabiex tiddefinixxi ċ-ċirkustanzi u l-kundizzjonijiet li fihom l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jingħataw aċċess għad-data tal-abbonati jew tal-utenti rreġistrati. F'dan ir-rigward, inkonnessjoni mal-għan tal-ġlieda kontra l-kriminalità, bħala prinċipju jista' jingħata biss aċċess għad-data ta' persuni ssuspettati li qegħdin jippjanaw, li qegħdin iwettqu jew li wettqu reat gravi jew inkella li huma implikati b'xi mod jew ieħor f'tali reat" [35].

62. Fi kliem ieħor, il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti l-aċċess għad-data miżmuma għandu jkollha portata suffiċjentement delimitata sabiex tipprekludi li tali aċċess ikun jista' jaffettwa numru sinjifikattiv ta' persuni, jiġifieri l-persuni kollha u l-mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi kollha kif ukoll id-data miżmuma kollha. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ressqet il-kriterju tar-rabta bejn il-persuni kkonċernati u l-għan imfittex.

63. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet il-kundizzjonijiet li għandu jissodisfa kull aċċess tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għad-data miżmuma.

64. Qabel kollox, dan l-aċċess għandu, "bħala prinċipju, ħlief f'każijiet urġenti debitament iġġustifikati, [ikun] suġġett għal kontroll minn qabel imwettaq jew minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti" [36]. Id-deċiżjoni ta' din il-qorti jew ta' din l-entità għandha tingħata "fuq talba motivata minn dawn l-awtoritajiet imressqa, b'mod partikolari, fil-kuntest ta' proċeduri ta' prevenzjoni, ta' skoperta jew ta' prosekuzzjoni kriminali" [37].

65. Imbagħad, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, isegwi li "l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jingħataw aċċess għad-data miżmuma jinformaw b'dan lill-persuni kkonċernati, fil-kuntest tal-proċeduri nazzjonali applikabbli, hekk kif din il-komunikazzjoni ma tkunx ta' natura li tista' tikkompromettì l-investigazzjonijiet imwettqa minn dawn l-awtoritajiet" [38].

66. Finalment, l-Istati Membri għandhom jadottaw regoli dwar is-sigurtà u l-protezzjoni tad-data miżmuma mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, sabiex jiġu evitati l-abbużi kif ukoll kull aċċess illegali għad-data [39].

### *2. It-tagħlimiet misluta mis-sentenza Ministerio Fiscal*

67. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet adita mill-kwistjoni dwar il-kompatibbiltà mal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, ta' regola nazzjonali li tistipula l-aċċess tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, bħall-pulizija ġudizzjarja, għal data relatata mal-identità ċivili ta' proprjetarji ta' wħud mill-kards SIM.

68. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, fir-rigward tal-għan ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' skoperta u ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali, il-formulazzjoni tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58 ma tillimitax dan l-għan għall-ġlieda kontra reati serji, iżda ssemmi r-"reati kriminali" b'mod ġenerali [40].

69. Ir-raġunament żviluppat mill-Qorti tal-Ġustizzja jikkjarifika l-fatt li, fir-rigward tal-aċċess għad-data mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, jeħtieġ li l-gravità tal-indħil tikkorrispondi mal-gravità tar-reati inkwistjoni.

35 *Idem.*
36 Sentenza Tele2 Sverige u Watson *et* (punt 120).
37 *Idem.*
38 Sentenza Tele2 Sverige u Watson *et* (punt 121).
39 Ara s-sentenza Tele2 Sverige u Watson *et* (punt 122).
40 Ara s-sentenza Ministerio Fiscal (punt 53).

70. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar, filwaqt li tirreferi għall-punt 99 tas-sentenza tagħha Tele2 Sverige u Watson *et*, li hija qieset li, "fir-rigward tal-prevenzjoni, tal-investigazzjoni, tal-iskoperta u tal-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, hija biss il-ġlieda kontra l-kriminalità serja li tista' tiġġustifika l-aċċess tal-awtoritajiet pubbliċi għal data personali miżmuma minn fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet li, meħuda fl-intier tagħha, tippermetti li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-persuni kkonċernati b'din id-data" [41].

71. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tispjega li hija "mmotivat din l-interpretazzjoni abbażi tal-fatt li l-għan segwit minn leġiżlazzjoni li tirregola dan l-aċċess għandu jkun marbut mal-gravità tal-indħil fid-drittijiet fundamentali inkwistjoni li jimplika dan l-aċċess" [42].

72. Fil-fatt, "skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, indħil serju jista' jiġi ġġustifikat biss, fil-qasam tal-prevenzjoni, tal-investigazzjoni, tal-iskoperta u tal-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, permezz tal-għan tal-ġlieda kontra l-kriminalità li għandha tiġi kklassifikata wkoll bħala 'serja'" [43].

73. Min-naħa l-oħra, "meta l-indħil li jinvolvi tali aċċess ma jkunx serju, l-imsemmi aċċess jista' jiġi ġġustifikat minn għan ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' skoperta u ta' prosekuzzjoni ta' "reati kriminali" b'mod ġenerali" [44].

74. Dawn il-kunsiderazzjonijiet kienu jirreferu għalhekk għal evalwazzjoni dwar jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, l-indħil fid-drittijiet fundamentali protetti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta li jkun ġab miegħu l-aċċess mill-pulizija ġudizzjarja għad-data inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandux jitqies jew le bħala "gravi".

75. Bid-differenza ta' dak li kien il-każ fis-sentenza tagħha Tele2 Sverige u Watson *et*, l-indħil fid-drittijiet protetti bl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, permezz tal-aċċess għad-data inkwistjoni, ma huwiex ikklassifikat bħala "gravi" mill-Qorti tal-Ġustizzja [45]. Fil-fatt, it-talba għal aċċess kienet "intiża biss sabiex jiġu identifikati l-proprjetarji tal-kards tas-SIM attivati, matul perijodu ta' tnax-il jum, bil-kodiċi [ta' identità internazzjonali ta' apparat ċellulari] tat-telefon ċellulari misruq" [46]. Fil-fatt, it-talba għal aċċess kienet intiża "unikament għan-numri tat-telefon li jikkorrispondu għal dawn il-kards tas-SIM kif ukoll għal data dwar l-identità ċivili tal-proprjetarji tal-imsemmija kards, bħal pereżempju kunjomhom, isimhom u, jekk ikun il-każ, l-indirizz tagħhom. Min-naħa l-oħra, din id-data ma tirrigwardax […] il-komunikazzjonijiet imwettqa permezz tat-telefon ċellulari misruq u lanqas il-lokalizzazzjoni tiegħu" [47].

76. Minn dan, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li "id-data msemmija fit-talba għal aċċess inkwistjoni fil-kawża prinċipali tippermetti biss li jsir konnessjoni, matul perijodu ddeterminat, bejn il-kards tas-SIM attivati permezz tat-telefon ċellulari misruq u l-identità ċivili tal-proprjetarji ta' tali kards tas-SIM. Mingħajr kontroverifika mad-data dwar il-komunikazzjonijiet imwettqa permezz ta' tali kards tas-SIM u mad-data dwar il-lokalizzazzjoni, din id-data ma tippermettix li jsiru magħrufa la d-data, il-ħin, it-tul u d-destinatarju tal-komunikazzjonijiet imwettqa permezz tal-kards tas-SIM inkwistjoni u lanqas il-post jew il-frekwenza tagħhom ma' ċerti persuni matul perijodu speċifiku. Għalhekk, l-imsemmija data ma tippermettix li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-persuni kkonċernati b'din id-data" [48].

41 Sentenza Ministerio Fiscal (punt 54).
42 Sentenza Ministerio Fiscal (punt 55).
43 Sentenza Ministerio Fiscal (punt 56).
44 Sentenza Ministerio Fiscal (punt 57).
45 Sentenza Ministerio Fiscal (punt 61).
46 Sentenza Ministerio Fiscal (punt 59).
47 *Idem.*
48 Sentenza Ministerio Fiscal (punt 60).

77. Ladarba ma ġietx aċċettata l-klassifikazzjoni ta' "ksur gravi", il-Qorti tal-Ġustizzja setgħet tqis li l-għan ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' skoperta u ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali b'mod ġenerali, anki mhux gravi, seta' jiġi invokat sabiex jiġġustifika l-indħil inkwistjoni[49].

78. Huwa fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza li l-qorti tar-rinviju tagħmel l-ewwel u t-tieni domandi preliminari tagħha, bil-għan li tevalwa l-gravità tal-indħil bl-aċċess għad-data fil-kuntest tal-proċeduri kriminali inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Din tistaqsi, b'mod iktar speċifiku, jekk il-kategoriji ta' data kkonċernati kif ukoll it-tul tal-perijodu li fih l-aċċess għal din id-data huwa mitlub jikkostitwixxux, f'din il-perspettiva, kriterji rilevanti.

*3. Fuq il-kriterji li jippermettu li tiġi evalwata l-gravità tal-indħil*

79. Hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, iktar ma jkunu numerużi l-kategoriji ta' data li għalihom jintalab l-aċċess, iktar l-indħil jista' jiġi kklassifikat bħala "gravi".

80. Minkejja dan, l-ewwel u t-tieni domandi li tagħmel il-qorti tar-rinviju jwasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tispeċifika jekk, minbarra l-kategoriji ta' data inkwistjoni, il-portata tal-perijodu kkonċernat minn dan l-aċċess għandux ukoll rwol sabiex tiġi stabbilita l-gravità tal-indħil.

81. Fl-opinjoni tiegħi, ir-risposta għandha tkun fl-affermattiv. Barra minn hekk, nirrileva li, fis-sentenza tagħha Ministerio Fiscal, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat ukoll it-tul tal-perijodu kkonċernat bl-aċċess fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha, jiġifieri tnax-il jum f'dan il-każ[50].

82. Hija n-natura tad-data kkonċernata flimkien mat-tul tal-perijodu li jirrigwarda l-aċċess li jippermettu li tiġi evalwata l-gravità tal-indħil. Dawn iż-żewġ aspetti jippermettu, fil-fatt, li jiġi vverifikat jekk il-kriterju li jistabbilixxi l-gravità tal-indħil huwiex issodisfatt, jiġifieri jekk l-aċċess għad-data inkwistjoni huwiex tali li jippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jisiltu konklużjonijiet speċifiċi dwar il-ħajja privata ta' persuni li d-data dwarhom hija affettwata minn dan l-aċċess. Issa, biex tagħti stampa ċara ta' persuna, huwa neċessarju mhux biss li l-aċċess jirrigwarda diversi kategoriji ta' data, bħad-data ta' identifikazzjoni, ta' traffiku u d-data ta' lokalizzazzjoni, iżda wkoll li dan l-aċċess ikun fuq perijodu suffiċjentement twil sabiex ikunu jistgħu jiġu żvelati b'mod suffiċjentement preċiż il-karatteristiċi prinċipali tal-ħajja ta' persuna.

83. Bħan-numru ta' kategoriji kkonċernati, it-tul tal-perijodu li għalih tintalab id-data bis-saħħa ta' awtorizzazzjoni għal aċċess jikkostitwixxi għalhekk element essenzjali sabiex tiġi evalwata l-gravità tal-indħil fid-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati. Kif tindika l-Kummissjoni, il-fatt li jkunu saru diversi talbiet għal aċċess relatati mal-istess persuna għandu jitqies ukoll, anki jekk dawn jirrigwardaw perijodi qosra.

84. Hekk kif jirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari, id-data li l-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni kellha aċċess għaliha hija dik imsemmija fl-Artikolu $111^1$(2) tal-Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi. Din id-data tippermetti li jinstabu u li jiġu stabbiliti l-oriġini u d-destinazzjoni ta' sessjoni ta' komunikazzjoni telefonika kemm jekk minn telefon fiss jew ċellulari ta' persuna, li tiġi stabbilita d-data, il-ħin, it-tul u n-natura tagħha, li jiġi identifikat l-għamla ta' servizz ta' komunikazzjoni użat kif ukoll li jiġi lokalizzat is-servizz ta' komunikazzjoni ċellulari użat. Din id-data ntbagħtet lill-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni għal perijodi ta' jum, ta' xahar u ta' kważi sena.

49 Sentenza Ministerio Fiscal (punt 62).

50 Ara s-sentenza Ministerio Fiscal (punt 59). Ara, fl-istess sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe fil-kawża Ministerio Fiscal (C-207/16, EU:C:2018:300), li josserva li t-talba tal-awtoritajiet tal-pulizija tirrigwarda "perijodu ddefinit b'mod ċar u ristrett fiż-żmien, jiġifieri tnax-il ġurnata" (punt 33 kif ukoll il-punt 84).

85. L-evalwazzjoni tal-grad tal-indħil fid-drittijiet fundamentali li jġib miegħu l-aċċess tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għad-data ta' natura personali miżmuma tirriżulta minn eżami konkret taċ-ċirkustanzi applikabbli għal kull każ. F'kull każ, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk id-data li għaliha l-aċċess kien ġie awtorizzat huwiex tali li jippermetti, skont in-natura tagħha u t-tul tal-perijodu kkonċernat minn dan l-aċċess, li jiġu misluta konklużjonijiet speċifiċi dwar il-ħajja privata tal-persuni kkonċernati.

86. Jekk dan huwa l-każ, il-ksur għandu jiġi kklassifikat bħala "gravi" fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u ma jistax għalhekk jiġi ġġustifikat, fil-qasam ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' skoperta u ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali, ħlief minn għan ta' ġlieda kontra l-kriminalità li għandha tkun ikklassifikata wkoll bħala "gravi"[51].

*4. Fuq il-konkordanza bejn il-gravità tal-indħil u l-għan li għandu jintlaħaq*

87. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li indħil fid-drittijiet fundamentali li huwa kklassifikat bħala "gravi" jimplika rekwiżit ta' ġustifikazzjoni msaħħa.

88. F'dak li jirrigwarda l-gravità tar-reati kriminali allegati li fil-konfront tiegħu ngħata l-aċċess għad-data, il-Kummissjoni tosserva li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tawtorizza b'mod partikolari l-aċċess għall-ġlieda kontra r-reati kriminali b'mod ġenerali[52].

89. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, skont iċ-ċirkustanzi tal-każ, jekk l-aċċess għal data bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali jissodisfax b'mod effettiv u ristrett wieħed mill-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li din id-dispożizzjoni ma tillimitax l-għan ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' skoperta u ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali għall-ġlieda kontra reati serji biss, iżda ssemmi r-'reati kriminali' b'mod ġenerali[53].

90. Jekk il-qorti tar-rinviju tasal għal konklużjoni li l-indħil għandu jiġi kklassifikat bħala "gravi", hija għandha tevalwa jekk ir-reat inkwistjoni jistax ukoll jiġi kklassifikat bħala "gravi" skont id-dritt kriminali nazzjonali.

91. F'dan ir-rigward, inqis li d-definizzjoni ta' dak li jista' jiġi kklassifikat bħala "reat gravi" għandha tiġi evalwata mill-Istati Membri.

92. Fil-fatt, skont is-sistemi ġuridiċi nazzjonali, l-istess reat jista' jiġi kkundannat fi gradi ta' severità differenti. Anki d-definizzjoni taċ-ċirkustanzi aggravanti tista' tvarja skont l-Istati Membri.

93. Kif jirrileva korrettament il-Gvern Estonjan, sabiex tiġi stabbilita l-gravità tar-reati, il-piena applikabbli ma hijiex l-uniku kriterju. Għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll in-natura tar-reati, il-ħsara li jikkawżaw lis-soċjetà, id-dannu għall-interessi ġuridiċi u l-effetti globali li għandhom fuq l-ordinament ġuridiku nazzjonali kif ukoll fuq il-valuri ta' soċjetà demokratika. Il-kuntest storiku, ekonomiku u soċjali speċifiku għal kull Stat Membru għandu wkoll rwol f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, fir-rigward taċ-ċirkustanzi aggravanti, għandu jiġi mistoqsi jekk ir-reati kriminali twettqux, pereżempju, jew b'mod irrepetut, jew fir-rigward ta' persuni vulnerabbli.

51 Sentenza Ministerio Fiscal (punt 56).

52 Artikolu $111^1$(11) tal-Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi u l-Artikolu $90^1$ tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali.

53 Ara s-sentenza Ministerio Fiscal (punt 53).

94. Sabiex tiġi evalwata l-proporzjonalità tal-aċċess, għandu jitqies ukoll li, skont l-Artikolu 90[1](3) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, "[i]t-talbiet għall-provvista ta' data [] ma jistgħux isiru ħlief jekk huma assolutament neċessarji sabiex jintlaħaq l-għan tal-proċeduri kriminali". Kif jindika l-Gvern Estonjan, il-kriterju tan-neċessità assoluta[54] jobbliga kemm lill-investigaturi kif ukoll lill-persuni inkarigati mill-għoti tal-awtorizzazzjoni sabiex iqisu u jevalwaw liema data hija neċessarja sabiex il-proċeduri kriminali jintemmu b'suċċess u li mingħajrha ma jkunx possibbli, fil-kuntest ta' kawża partikolari, li tinħareġ il-verità jew li jinqabad allegat delinkwent jew kriminal allegat.

95. Inżid li, kif enfasizza korrettament il-Gvern Franċiż, il-grad ta' gravità ta' reat, jiġifieri l-klassifikazzjoni ġuridika eżatta tiegħu, ma tistax dejjem tiġi stabbilita b'mod preċiż meta l-awtorizzazzjoni għal aċċess għal data miżmuma ssir fi stadju bikri tal-investigazzjoni, b'tali mod li jista' jidher prematur f'dak l-istadju li dan ir-reat jiġi kklassifikat fil-kategorija ta' reat kriminali gravi jew f'dik ta' reat kriminali ġenerali. Din l-inċertezza, li hija inerenti għall-investigazzjonijiet kriminali li l-għan tagħhom huwa li jgħinu sabiex toħroġ il-verità, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni mill-qorti tar-rinviju fl-evalwazzjoni tagħha dwar in-natura proporzjonata tal-aċċess.

96. Minkejja dan, l-inċertezza li tista' b'hekk teżisti fil-bidu tal-investigazzjoni kriminali fuq dawn l-aspetti ma għandhiex telimina r-rekwiżit li jgħid li kull talba għal aċċess għandha tkun motivata min-neċessità li jinstabu l-provi relatati ma' aġir delittwali jew kriminali speċifiku, abbażi ta' suspett sostnut minn elementi oġġettivi. B'hekk, talba għal aċċess ma għandhiex ikollha l-għan li teżamina, fuq perijodu partikolari, il-fatti u l-atti kollha ta' persuna, sabiex jinstabu eventwali reati. Barra minn hekk, jekk jiġu żvelati fatti ġodda matul l-investigazzjoni, l-aċċess għad-data sabiex jiġu pprovati dawn tal-aħħar għandu jkun is-suġġett ta' awtorizzazzjoni għal aċċess ġdida.

97. Fid-dawl tal-argumenti preċedenti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddikjara li l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11 kif ukoll tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fost il-kriterji li jippermettu li tiġi evalwata l-gravità tal-indħil fid-drittijiet fundamentali li jikkostitwixxi l-aċċess mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għal data ta' natura personali li l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi huma obbligati jżommu bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, hemm il-kategoriji ta' data kkonċernati kif ukoll it-tul tal-perijodu li għalih jintalab dan l-aċċess. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, skont il-gravità tal-indħil, jekk l-imsemmi aċċess kienx strettament neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan intiż sabiex jiżgura l-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali.

### *C. Kontroll minn qabel imwettaq minn qorti jew minn awtorità amministrattiva indipendenti*

98. Sabiex tiżgura li l-aċċess mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għad-data miżmuma jkun limitat għal dak li huwa strettament neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li kien essenzjali li tali aċċess "jkun, bħala prinċipju, ħlief f'każijiet urġenti debitament iġġustifikati, suġġett għal kontroll minn qabel imwettaq *jew minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti*, u li d-deċiżjoni ta' din il-qorti jew ta' din l-entità tingħata fuq talba motivata minn dawn l-awtoritajiet imressqa, b'mod partikolari, fil-kuntest ta' proċeduri ta' prevenzjoni, ta' skoperta jew ta' prosekuzzjoni kriminali"[55].

54 Ikklassifikat ukoll bħala "prinċipju tal-*ultima ratio*".

55 Sentenza Tele2 Sverige u Watson *et* (punt 120 u l-ġurisprudenza ċċitata), korsiv miżjud minni. Ara, fl-istess sens, l-Opinjoni 1/15 (Ftehim PNR UE-Kanada), tas-26 ta' Lulju 2017 (EU:C:2017:592, punti 202 u 208).

99. Permezz tat-tielet domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tispjega l-kriterji li għandha tissodisfa awtorità amministrattiva sabiex tkun tista’ tiġi kkunsidrata bħala “indipendenti”, fis-sens tas-sentenza Tele2 Sverige u Watson *et*. B’mod iktar preċiż, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Uffiċċju tal-Prosekutur jistax jitqies bħala awtorità amministrattiva indipendenti, fid-dawl tal-fatt li jmexxi l-investigazzjoni preliminari u li jirrappreżenta lill-prosekuzzjoni matul il-proċess.

100. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, jidhirli li jkun utli li jittieħdu inkunsiderazzjoni żewġ partijiet tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri, minn naħa, il-ġurisprudenza relatata mal-indipendenza tal-awtoritajiet nazzjonali ta’ kontroll tal-protezzjoni tad-data ta’ natura personali u, min-naħa l-oħra, il-ġurisprudenza relatata mal-indipendenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti fil-kuntest tal-mandat ta’ arrest Ewropew.

101. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-indipendenza tikkostitwixxi karatteristika essenzjali, stabbilita b’mod partikolari fl-Artikolu 8(3) tal-Karta, tal-awtoritajiet inkarigati mis-superviżjoni tal-osservanza tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data ta’ natura personali, sabiex tiżgura l-effiċjenza u l-affidabbiltà ta’ din is-superviżjoni u sabiex issaħħaħ il-protezzjoni tal-persuni li huma kkonċernati mid-deċiżjonijiet ta’ dan l-awtoritajiet [56].

102. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, fir-rigward tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 95/46, li “l-awtoritajiet ta’ sorveljanza kompetenti għas-sorveljanza tal-ipproċessar tad-data personali għandhom igawdu minn indipendenza li tippermettilhom li jeżerċitaw il-missjonijiet tagħhom mingħajr ma jkunu suġġetti għal influwenza esterna. Din l-indipendenza teskludi b’mod partikolari kull ordni jew kull influwenza esterna oħra fi kwalunkwe forma, indipendentement minn jekk din tkunx diretta jew indiretta, li jkunu jistgħu jorjentaw id-deċiżjonijiet tagħhom u li jkunu jistgħu jmorru kontra l-kisba, minn dawn l-awtoritajiet, tal-kompitu tagħhom li jikkonsisti f’li jiġi stabbilit ekwilibriju ġust bejn il-protezzjoni tad-dritt għall-ħajja privata u l-moviment liberu tad-data personali” [57].

103. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll ir-rekwiżit li, fid-dawl tar-rwol tagħhom ta’ gwardjani tad-dritt għall-ħajja privata, dawn l-awtoritajiet ta’ kontroll għandhom ikunu “’il fuq minn kull suspett ta’ parzjalità” [58].

104. Sa fejn it-tielet domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju tirrigwarda lill-Uffiċċju tal-Prosekutur, huwa wkoll rilevanti li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kriterji mfassla mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha dwar l-indipendenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti fil-kuntest tal-mandat ta’ arrest Ewropew. B’hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kontroll imwettaq waqt l-adozzjoni ta’ mandat ta’ arrest “għandu jiġi eżerċitat b’mod oġġettiv, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-provi kollha inkriminanti u skaġunanti, kif ukoll b’mod indipendenti, li jippreżupponi l-eżistenza ta’ regoli statutorji u organizzattivi adatti sabiex jiġi eskluż kull riskju li l-adozzjoni ta’ deċiżjoni li jinħareġ tali mandat ta’ arrest tkun suġġetta għal struzzjonijiet esterni, b’mod partikolari min-naħa tal-poter

56 Ara, b’mod partikolari, is-sentenza tas-6 ta’ Ottubru 2015, Schrems (C-362/14, EU:C:2015:650, punti 40 u 41 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Ara, ukoll, l-Opinjoni 1/15 (Ftehim PNR UE-Kanada), tas-26 ta’ Lulju 2017 (EU:C:2017:592, punt 229).

57 Sentenza tat-8 ta’ April 2014, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (C-288/12, EU:C:2014:237, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 Sentenza tat-8 ta’ April 2014, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (C-288/12, EU:C:2014:237, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

eżekuttiv"[59]. Madankollu, għandu jitfakkar li l-evalwazzjoni konkreta mill-Qorti tal-Ġustizzja, f'kull każ, tal-punt jekk l-Uffiċċju tal-Prosekutur jissodisfax dawn il-kriterji jew le[60], issir fil-kuntest speċifiku tal-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew u b'hekk ma tistax tiġi trasposta awtomatikament f'oqsma oħra, bħal dak relattiv għall-protezzjoni tad-data ta' natura personali.

105. Wara din il-preċiżazzjoni, iż-żewġ sezzjonijiet tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jerġgħu jingħaqdu billi jenfasizzaw, f'kull qasam ikkonċernat, li l-awtorità nazzjonali kompetenti li tivverifika l-osservanza tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni għandha tkun indipendenti, u dan ikopri żewġ rekwiżiti[61]. Minn naħa, din l-awtorità ma għandhiex tkun suġġetta għal struzzjonijiet jew għal pressjonijiet esterni li jistgħu jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tagħha. Min-naħa l-oħra, l-imsemmija awtorità għandha, bis-saħħa tal-istatut u tad-doveri li ngħataw lilha, tissodisfa rekwiżit ta' oġġettività fil-kontroll li twettaq, jiġifieri li hija għandha toffri garanziji ta' imparzjalità. B'mod iktar partikolari, l-evalwazzjoni minn awtorità amministrattiva tan-natura proporzjonata tal-aċċess għad-data miżmuma tirrikjedi li jkun hemm bilanċ ġust bejn l-interessi marbuta mal-effettività tal-investigazzjoni fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-kriminalità u dawk li jirrigwardaw il-protezzjoni tad-data ta' natura personali tal-persuni kkonċernati bl-aċċess. Taħt dan l-aħħar aspett, ir-rekwiżit ta' imparzjalità huwa għalhekk marbut mal-kunċett ta' "awtorità amministrattiva indipendenti" stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha Tele2 Sverige u Watson *et*.

106. Għandu jiġi vverifikat jekk l-Uffiċċju tal-Prosekutur, fid-dawl tad-doveri differenti mogħtija lilu bil-leġiżlazzjoni Estonjana, jissodisfax dan il-kriterju ta' indipendenza, fiż-żewġ dimensjonijiet tiegħu, meta jintalab jikkontrolla n-natura strettament neċessarja tal-aċċess għad-data. B'hekk, il-kunċett ta' "indipendenza" li għandu jkollha l-awtorità amministrattiva inkarigata minn tali kontroll għandu dimensjoni funzjonali, fis-sens li huwa fir-rigward tal-għan speċifiku ta' dan il-kontroll li għandu jiġi evalwat jekk din l-awtorità tistax taġixxi mingħajr interventi jew pressjonijiet esterni li jistgħu jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tagħha, kif ukoll fl-osservanza tal-oġġettività u tal-applikazzjoni stretta tar-regola tad-dritt. Fil-qosor, il-kunċett ta' "awtorità amministrattiva indipendenti" fis-sens tas-sentenza Tele2 Sverige u Watson *et* huwa intiż sabiex jiżgura l-oġġettività, l-affidabbiltà u l-effettività ta' dan il-kontroll.

107. Dan jimplika li għandu jiġi eżaminat jekk il-leġiżlazzjoni Estonjana li tistipula l-istatut u d-doveri tal-Uffiċċju tal-Prosekutur hijiex tali li toħloq dubji leġittimi, f'moħħ il-persuni kkonċernati, dwar l-impermeabbiltà tal-proċeduri fir-rigward ta' elementi esterni u tan-newtralità tagħhom meta mqabbla mal-interessi li bihom ikunu kkonfrontati, meta jitwettqu sabiex jiġi żgurat kontroll minn qabel tan-natura proporzjonata tal-aċċess għad-data.

108. L-Uffiċċju tal-Prosekutur għandu rwol essenzjali fit-tmexxija ta' proċeduri kriminali, peress li jmexxi l-investigazzjoni preliminari u għandu b'mod partikolari kompetenza għal finijiet ta' prosekuzzjoni kontra persuna ssuspettata li tkun wettqet reat kriminali sabiex din titressaq quddiem qorti. F'dan ir-rigward, dan għandu jitqies bħala awtorità li tipparteċipa fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali[62].

59 Ara s-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2019, NJ (Prosekutur ta' Vjenna) (C-489/19 PPU, EU:C:2019:849, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 Ara, fl-aħħar lok, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2019, JR u YC (Parquet général du Grand-Duché de Luxembourg u Openbaar Ministerie (Prosekuturi ta' Lyon u ta' Tours)) (C-566/19 PPU u C-626/19 PPU, EU:C:2019:1077), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, b'mod partikolari, li l-provi ppreżentati quddiemha kienu biżżejjed biex juru li, "fi Franza, il-Prosekuturi għandhom is-setgħa li jevalwaw b'mod indipendenti, b'mod partikolari meta mqabbla mal-poter eżekuttiv, il-ħtieġa u n-natura proporzjonata tal-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew u jeżerċitaw din is-setgħa b'mod oġġettiv, billi jieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi kollha inkriminanti u li jiskagunaw" (punt 55 ta' din is-sentenza).

61 Fuq iż-żewġ aspetti tar-rekwiżit ta' indipendenza, ara, b'analoġija, fir-rigward tal-qrati nazzjonali li huma mitluba jiddeċiedu dwar kwistjonijiet marbuta mal-interpretazzjoni u mal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, is-sentenza tal-5 ta' Novembru 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-qrati ordinarji) (C-192/18, EU:C:2019:924, punti 108 sa 110 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

62 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-27 ta' Mejju 2019, PF (Prosekutur ġenerali tal-Litwanja) (C-509/18, EU:C:2019:457, punti 39 u 40).

109. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fir-rigward tal-Procura della Repubblica (Prosekutur tar-Repubblika, l-Italja) u skont formula li fl-opinjoni tiegħi tista' tiġi trasposta fil-kuntest ta' din il-kawża, ir-rwol tal-Prosekutur "ma huwiex li jiddeċiedi kawża b'mod indipendenti, iżda li jissottometti dik il-kwistjoni, jekk ikun il-każ, lill-qorti kompetenti, bħala prosekutur fil-proċeduri kriminali" [63].

110. Jekk l-Uffiċċju tal-Prosekutur ikollu għalhekk, fl-istatut tiegħu, fl-organizzazzjoni tiegħu u fid-doveri tiegħu, karatteristiċi partikolari li jiddistingwuh minn qorti u li jiġġustifikaw li jiġi kklassifikat bħala "awtorità li tipparteċipa fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali fl-Istati Membri", xorta jibqa' l-fatt li, mill-perspettiva funzjonali, meta d-dritt nazzjonali jipprevedi li l-awtorità li teżerċita l-kontroll minn qabel tal-proporzjonalità tal-aċċess mitluba mis-sentenza Tele2 Sverige u Watson *et* huwa l-Uffiċċju tal-Prosekutur, dan tal-aħħar għandu, minn dan l-aspett, juri grad ta' indipendenza bħal dak ta' qorti. Fil-fatt, l-eżerċizzju ta' din il-funzjoni minn awtorità amministrattiva iktar milli minn qorti ma għandhiex taffettwa l-oġġettività, l-affidabbiltà u l-effettività ta' dan il-kontroll.

111. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu $90^{1}(2)$ tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, l-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni tista', fuq awtorizzazzjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur matul l-investigazzjoni preliminari jew fuq awtorizzazzjoni tal-qorti matul il-proċess quddiemha, titlob lil impriża ta' komunikazzjonijiet elettroniċi tagħti d-data elenkata fl-Artikolu $111^{1}(2)$ u (3) tal-Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

112. Barra minn hekk, mil-leġiżlazzjoni Estonjana jirriżulta li l-Uffiċċju tal-Prosekutur, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali, imexxi l-investigazzjoni preliminari, li l-għan tagħha hija l-ġbir ta' provi u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet oħra neċessarji sabiex isir proċess. Barra minn hekk, l-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni u l-Uffiċċju tal-Prosekutur jivverifikaw, matul l-investigazzjoni preliminari, il-provi inkriminanti u skaġunanti miġbura kontra l-persuna ssuspettata jew il-persuna akkużata. Jekk l-Uffiċċju tal-Prosekutur huwa konvint li l-provi kollha neċessarji ġew miġbura u jekk ikun hemm bżonn, dan għandu jippreżenta l-akkużi tiegħu kontra l-persuna u, f'dan il-każ, ikun hu li jirrappreżenta lill-prosekuzzjoni waqt il-proċess.

113. Il-qorti tar-rinviju tosserva wkoll li, anki jekk, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali, l-Uffiċċju tal-Prosekutur għandu, fir-rigward tal-miżuri li jikkostitwixxu l-indħil l-iktar gravi fid-drittijiet fundamentali, jitlob awtorizzazzjoni lil maġistrat inkwirenti (pereżempju għall-maġġoranza tal-miżuri ta' sorveljanza u għad-detenzjoni), l-Uffiċċju tal-Prosekutur għandu wkoll kompetenza jiddeċiedi dwar l-adozzjoni ta' atti ta' proċedura li jikkostitwixxu indħil serju f'diversi drittijiet fundamentali [64].

114. Id-dubji li l-qorti tar-rinviju kellha sabiex tikklassifika lill-Uffiċċju tal-Prosekutur bħala "awtorità amministrattiva indipendenti" fis-sens tas-sentenza Tele2 Sverige u Watson *et* huma prinċipalment dovuti għall-fatt li, wara l-investigazzjoni preliminari, jekk l-Uffiċċju tal-Prosekutur ikun konvint li, fil-kawża kriminali, ġew miġbura l-provi kollha neċessarji u jekk ikun hemm bżonn, ikun hu li jippreżenta l-akkużi tiegħu kontra l-persuna inkwistjoni. F'dan il-każ, huwa l-Uffiċċju tal-Prosekutur li jirrappreżenta lill-prosekuzzjoni waqt il-proċess u għalhekk huwa wkoll parti fil-proċedura. B'hekk, huwa prinċipalment minħabba l-kwalità tiegħu ta' prosekutur li l-klassifikazzjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur bħala "awtorità amministrattiva indipendenti" fis-sens tas-sentenza Tele2 Sverige u Watson *et* hija kkontestata mill-qorti tar-rinviju.

115. Espressi b'dan il-mod, id-dubji tal-qorti tar-rinviju jikkonċernaw għalhekk b'mod iktar partikolari l-imparzjalità tal-Uffiċċju tal-Prosekutur fil-kontroll ta' proporzjonalità tal-aċċess għad-data mis-servizzi ta' investigazzjoni li huwa għandu jwettaq qabel ma jawtorizza tali aċċess.

63 Sentenza tat-12 ta' Diċembru 1996, X (C-74/95 u C-129/95, EU:C:1996:491, punt 19).

64 Pereżempju, l-Uffiċċju tal-Prosekutur jagħti awtorizzazzjoni għal sorveljanza diskreta ta' persuna, ta' oġġett jew ta' post, kif ukoll, f'diversi każijiet, bil-għan ta' tfittxija.

116. Qabel ma nittratta dan l-aspett relatat mal-imparzjalità, nirrileva li l-Artikolu $1(1^1)$ tal-Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur jistipula li dan tal-aħħar "jaqdi b'mod indipendenti d-doveri li huma mogħtija lilu skont il-liġi". Barra minn hekk, skont l-Artikolu 2(2) ta' din l-istess liġi, "[i]l-Prosekutur għandu jaqdi d-doveri tiegħu b'mod indipendenti u għandu jaġixxi biss skont il-liġi u skont il-konvinzjoni" [65].

117. F'dan ir-rigward, il-Gvern Estonjan jindika li, għalkemm l-Uffiċċju tal-Prosekutur huwa awtorità li taqa' taħt il-Ministeru tal-Ġustizzja, il-leġiżlazzjoni Estonjana madankollu ma tħallix lil dan tal-aħħar iwettaq b'xi mod evalwazzjoni ta' proċedura speċifika jew jintervjeni fi proċedura kriminali pendenti. Dan il-Gvern jispjega li jekk l-Uffiċċju tal-Prosekutur ma jibqax indipendenti, dan ikun jikkostitwixxi reat kundannabbli b'sanzjoni.

118. Għalhekk, jekk ma hemmx lok ta' dubju dwar l-indipendenza tal-Uffiċċju tal-Prosekutur fil-kuntest tad-doveri li huwa għandu skont il-leġiżlazzjoni Estonjana, madankollu dan jidhirli li jista' jqajjem dubji leġittimi dwar il-kapaċità tal-Uffiċċju tal-Prosekutur li jeżerċita kontroll newtrali u oġġettiv minn qabel dwar in-natura proporzjonata tal-aċċess għad-data meta jista' jkun, fil-kuntest ta' kawża partikolari, mitlub iwettaq fl-istess ħin doveri li jikkonsistu fit-tmexxija tal-investigazzjoni kriminali, jiddeċiedi dwar il-bidu ta' proċeduri kriminali u jirrappreżenta lill-prosekuzzjoni waqt il-proċess.

119. Huwa veru li diversi elementi li jinsabu fil-leġiżlazzjoni Estonjana jikkostitwixxu garanziji li l-Uffiċċju tal-Prosekutur jaġixxi, fil-kuntest tad-doveri li jassumi, b'osservanza tar-rekwiżit ta' imparzjalità.

120. B'hekk, skont l-Artikolu 211(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, l-Uffiċċju tal-Prosekutur huwa obbligat jivverifika l-provi inkriminanti u skaġunanti miġbura kontra l-persuna ssuspettata jew akkużata.

121. Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-Artikolu 1(1) tal-Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur, dan tal-aħħar huwa obbligat jiżgura l-legalità tal-investigazzjoni kriminali preliminari li huwa għandu d-dover li jmexxi. Barra minn hekk, skont l-Artikolu $1(1^1)$ u l-Artikolu 2(2) ta' din l-istess liġi, l-Uffiċċju tal-Prosekutur għandu jeżerċita d-doveri tiegħu bl-osservanza tal-liġijiet. Dan jippreżumi li, meta jmexxi l-proċedura ta' investigazzjoni preliminari kriminali, l-Uffiċċju tal-Prosekutur għandu jkollu l-għan li mhux biss jiżgura l-effettività ta' din tal-aħħar, iżda wkoll li jiżgura li din il-proċedura ma titwettaqx bi preġudizzju sproporzjonat għad-dritt għall-ħajja privata tal-persuni kkonċernati. Fil-fatt, jista' jitqies li l-awtorizzazzjoni għal aċċess għad-data miżmuma hija parti integrali mid-dover iktar ġenerali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur, li jikkonsisti fil-kontroll tal-legalità tal-mezzi użati mis-servizzi ta' investigazzjoni, b'mod partikolari l-proporzjonalità tal-atti ta' investigazzjoni fir-rigward tan-natura u tal-gravità tal-fatti.

122. Jista' għalhekk isir l-argument li huwa preċiżament għaliex imexxi l-investigazzjoni preliminari li l-Uffiċċju tal-Prosekutur għandu jevalwa wkoll jekk, fir-rigward tal-karatteristiċi ta' kull kawża, aċċess għal data miżmuma mill-operaturi ta' telekomunikazzjonijiet huwiex strettament neċessarju, fin-nuqqas ta' provi alternattivi, sabiex l-investigazzjoni fuq allegat reat tavvanza.

123. Xorta jibqa' l-fatt li, mill-perspettiva tal-persuni kkonċernati mit-talba għal aċċess għad-data, il-fatt li l-awtorità amministrattiva li hija inkarigata tivverifika jekk dan l-aċċess huwiex strettament neċessarju fil-kuntest tal-investigazzjoni hija fl-istess ħin dik li tista' tipproċedi kontrihom, imbagħad li tirrappreżenta lill-prosekuzzjoni waqt eventwali proċess ulterjuri, jista', fl-opinjoni tiegħi, ikun tali li

65 Ara wkoll, fl-istess sens, l-Artikolu 30(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali.

jdgħajjef il-garanziji ta' imparzjalità previsti mil-leġiżlazzjoni Estonjana. Minn din il-perspettiva, jista' jkun hemm kunflitt potenzjali bejn dawn id-doveri tal-Uffiċċju tal-Prosekutur, minn naħa, u r-rekwiżit ta' newtralità u ta' oġġettività tal-kontroll minn qabel tan-natura proporzjonata tal-aċċess għad-data, min-naħa l-oħra.

124. Fil-fatt, fil-kuntest tad-doveri tiegħu, l-Uffiċċju tal-Prosekutur huwa obbligat jiġbor il-provi, jevalwa r-rilevanza tagħhom u jislet konklużjonijiet dwar il-ħtija tal-persuna inkwistjoni. Hija din l-awtorità tal-Istat li għandha tippreżenta u ssostni l-att tal-akkuża fil-kuntest tal-kawża li hija inkarigata tirrappreżenta bħala prosekuzzjoni waqt il-proċess, u b'hekk hija parti fil-proċedura. Minħabba dawn id-doveri, l-Uffiċċju tal-Prosekutur huwa suġġett għal rekwiżit probatorju, li, mill-perspettiva tal-persuni ssuspettati li wettqu reat, jista' jidher bħala inkompatibbli mal-kapaċità ta' din l-istess awtorità li twettaq, b'mod newtrali u oġġettiv, kontroll minn qabel tan-natura proporzjonata tal-aċċess għad-data.

125. Kif tirrileva l-Kummissjoni, ir-riskju jista' jkun li, minħabba l-kumulu tad-doveri li għandu, l-Uffiċċju tal-Prosekutur jista' jiġi pperċepit mill-persuni kkonċernati bħala li għandu interess li jagħti aċċess wiesa' għad-data tagħhom, kemm jekk hija inkriminanti u kemm jekk hija skaġunanti. Barra minn hekk, il-persuni ssuspettati li wettqu reat jista' jkollhom dubji leġittimi dwar l-imparzjalità tal-Uffiċċju tal-Prosekutur meta jawtorizza l-aċċess għad-data tagħhom, peress li jista' jaġixxi kontra tagħhom fi proċedura ulterjuri bħala prosekutur. Inqis li r-rekwiżit ta' imparzjalità tal-awtorità amministrattiva li hija inkarigata tagħmel il-kontroll minn qabel meħtieġ mis-sentenza Tele2 Sverige u Watson *et* tippreżumi ċertu distanza u newtralità meta mqabbel mal-interessi li jista' jkun hemm fil-kuntest tal-investigazzjoni preliminari, jiġifieri, minn naħa, l-effettività ta' din tal-aħħar u, min-naħa l-oħra, il-protezzjoni tad-data ta' natura personali tal-persuni kkonċernati. Skont il-Kummissjoni, is-sitwazzjoni setgħet tkun differenti jekk l-organizzazzjoni amministrattiva interna tal-Uffiċċju tal-Prosekutur kienet tali li l-prosekutur li għandu jiddeċiedi dwar it-talba għal aċċess ma kellu l-ebda rwol fl-investigazzjoni preliminari u l-istadji ulterjuri tal-proċedura, inkluż il-kawża mressqa mill-prosekuzzjoni.

126. Sa fejn, kif ġie kkonfermat waqt is-seduta, il-prosekutur jifforma parti minn ġerarkija fi ħdan ir-Repubblika tal-Estonja, ma iniex ċert li dan is-suġġeriment tal-Kummissjoni jista' jirrimedja l-inkonvenjenzi li jirriżultaw mill-kumulu tad-doveri li l-leġiżlazzjoni Estonjana tagħti lill-Uffiċċju tal-Prosekutur. Fi kwalunkwe każ, xorta tibqa' rilevanti l-idea li fuqha huwa bbażat dan is-suġġeriment, jiġifieri li l-kontroll minn qabel tan-natura proporzjonata tal-aċċess għad-data għandu jsir minn awtorità amministrattiva li, minn naħa, ma hijiex direttament implikata fit-tmexxija tal-investigazzjoni kriminali inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, għandha pożizzjoni ta' newtralità fil-konfront tal-partijiet fil-proċedura kriminali. Tali awtorità, mingħajr interessi marbuta mal-investigazzjoni u mal-kawża mmexxija mill-prosekuzzjoni fil-proċeduri inkwistjoni, ma tistax tiġi kkritikata li tagħti preferenza lill-interessi tal-investigazzjoni bi preġudizzju għal dawk relatati mal-protezzjoni tad-data tal-persuni kkonċernati. L-imsemmija awtorità tkun għalhekk tista' tadotta, b'imparzjalità sħiħa, deċiżjoni li tillimita l-aċċess għad-data miżmuma għal dak li huwa strettament neċessarju sabiex tilħaq l-għan li għandu jintlaħaq, skont kif jitlob l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tat-8 ta' April 2014, Digital Rights Ireland *et*[66] u Tele2 Sverige u Watson *et*. Fl-istess ħin, jiena konxju li l-istituzzjoni li tkun estranea għall-interessi marbuta mal-proċeduri inkwistjoni ma għandiex issir akkost ta' tnaqqis tal-effettività tal-investigazzjoni, tal-prosekuzzjoni u tar-repressjoni tar-reati kriminali.

66 C-293/12 u C-594/12, EU:C:2014:238.

127. Sabiex tiġi osservata l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tinvolvi ruħha iktar fl-organizzazzjoni ġenerali tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri, u lanqas f'dik tal-organizzazzjoni interna tal-prosekuturi. Huma l-Istati Membri li għandhom jimplimentaw il-mezzi xierqa sabiex jiżguraw li l-kontroll minn qabel tal-aċċess għad-data miżmuma tiżgura ekwilibriju ġust bejn l-interessi marbuta mal-effettività tal-investigazzjoni kriminali u d-dritt għall-protezzjoni tad-data ta' persuni kkonċernati minn dan l-aċċess.

128. Ser nagħlaq billi nispjega li, fil-fehma tiegħi, in-nuqqas ta' kontroll minn qabel imwettaq minn awtorità amministrattiva "indipendenti" fis-sens tas-sentenza Tele2 Sverige u Watson *et* ma jistax jiġi kkumpensat bl-eżistenza ta' stħarriġ ġudizzjarju li jista' jsir wara li jiġi awtorizzat l-aċċess[67]. Għall-kuntrarju, ir-rekwiżit ta' kontroll minn qabel jitlef l-importanza tiegħu, li huwa li ma jitħalliex li jiġi awtorizzat aċċess għad-data miżmuma li huwa sproporzjonat meta mqabbel mal-għan ta' investigazzjoni, prosekuzzjoni u kundanna tar-reati kriminali.

129. Fid-dawl tal-argumenti preċedenti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għat-tielet domanda preliminari li l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11 u tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li r-rekwiżit li l-aċċess tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għad-data miżmuma għandu jkun suġġett għal kontroll preliminari minn qorti jew minn awtorità amministrattiva indipendenti ma huwiex issodisfatt meta leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi li tali kontroll isir mill-Uffiċċju tal-Prosekutur li għandu d-dover li jmexxi investigazzjoni preliminari filwaqt li jista' jirrappreżenta lill-prosekuzzjoni waqt il-proċess.

## V. Konklużjoni

130. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula mir-Riigikohus (il-Qorti Suprema, l-Estonja) bil-mod segwenti:

1) L-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11 kif ukoll tal-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fost il-kriterji li jippermettu li tiġi evalwata l-gravità tal-indħil fid-drittijiet fundamentali li jikkostitwixxi l-aċċess mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għal data ta' natura personali li l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi huma obbligati jżommu bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, hemm il-kategoriji ta' data kkonċernati kif ukoll it-tul tal-perijodu li għalih jintalab dan l-aċċess. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, skont il-gravità tal-indħil, jekk l-imsemmi aċċess kienx strettament neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan intiż sabiex jiżgura l-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali.

2) L-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, kif emendata bid-Direttiva 2009/136, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11 kif ukoll tal-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, għandu jiġi interpretat fis-sens li r-rekwiżit li l-aċċess tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għad-data miżmuma għandu jkun suġġett għal kontroll preliminari minn qorti jew minn awtorità amministrattiva indipendenti ma huwiex issodisfatt meta leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi li tali kontroll isir mill-Uffiċċju tal-Prosekutur li għandu d-dover li jmexxi investigazzjoni preliminari filwaqt li jista' jirrappreżenta lill-prosekuzzjoni waqt il-proċess.

67 Skont il-punti mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja waqt is-seduta, fid-dritt Estonjan, dan l-istħarriġ ġudizzjarju jista' jsir fi tmiem l-investigazzjoni preliminari, meta persuna suspettata, wara li tkun irċeviet l-akkuża, tiddeċiedi li tikkontesta att ta' din il-proċedura, jew inkella waqt il-proċess.